# Rapport Annwali tal- Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta minn Jannar sa Diċembru 2020

## Introduzzjoni

Dan ir-rapport ikopri x-xogħol li twettaq mill-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ("il-Kunsill") minn Jannar sa Diċembru 2020.

Matul is-sena konċernata, il-Kunsill Għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (CMLA) kien iffurmat kif ġej:

**Iċ-*Ċerpersin* tal-Kunsill**
L-Onor Carmelo Abela, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ (sal-14 ta' Jannar 2020)

***Il-Membri tal-Kunsill***
Is-Sur Angelo Grima
Is-Sa Anita Grillo
Id-Dott Antonella Berry-Brincat
Is-Sur Brandon Azzopardi
Is-Sa Claudia Caruana
Is-Sur Denis Muniglia
Is-Sa Edwidge Borg
Is-Sur Emanuel Camilleri
Id-Dott Josephine Ann Cutajar
Is-Sa Marie-Louise Previtera
Is-Sur Mario M Sammut
Is-Sur Shane Delia
Il-Prof Stephen Gatt
Is-Sa Susan Schembri

Segretarju tal-Kunsill: Is-Sur Joseph A Xerri

Peress li fil-15 ta' Jannar 2020, saret reshuffle tal-Kabinett, it-tmexxija tal-Kunsill għaddiet f'idejn l-Onor Evarist Bartolo wara li dan inħatar bħala l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.
Saru wkoll bidliet oħra fil-Kunsill wara r-riżenja tas-Sur Shane Delia u s-Sinjorina Anita Grillo mill-Kunsill. Flok is-Sur Delia, inħatar is-Sur John Vassallo, filwaqt li l-post li tħalla battal mis-S.ra Grillo mtela' mis-S.ra Georgina Bugeja. Inħatar ukoll is-Sur Nadim Kanawati li ħa post il-Professur Stephen Gatt li t-terminu tiegħu bħala membru tas-CMLA ġie fi tmiemu minħabba

li serva għal sitt snin fuq dan il-Kunsill. Bil-ħatra tas-Sur Kanawati fuq il-Kunsill, għall-ewwel darba l-Afrika ta' Fuq qed tkun rappreżentata f'dan il-Kunsill.

Ġew imġedda wkoll il-ħatriet tas-Sur Alexander Grima u l-Prof JosAnne Cutajar wara li l-ewwel terminu tal-ħatra tagħhom ġie fi tmiemu matul din is-sena ta' ħidma.

Kif jitlob l-Artiklu 6 paragrafu 4 tal-Att XX tal-2011, kienu bdew il-preparamenti biex il-Kunsill tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta jżomm il-Laqgħa Annwali tiegħu, madankollu din il-laqgħa kellha tiġi mħassra minħabba li sadanittant faqqgħet l-epidemija tal-Coronavirus.

Minflok ġie deċiż li ssir laqgħa virtwali. Din saret nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Ottubru 2020. Minħabba d-differenza tal-ħin u limitazzjonijiet oħra, il-laqgħa saret bejn is-1.00 – 3.00pm.

Il-membri kollha barra Prof JosAnne Cutajar, li kellha diffikultà biex tidħol fis-sistema elettronika, ħadu sehem fil-laqgħa taħt il-presidenza tal-Onor Evarist Bartolo, Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

**2.0 Diskussjonijiet u Deċiżjonijiet**

Minħabba l-limitazzjoni ta' ħin, l-Aġenda kienet waħda pjuttost ġenerika bil-membri jintroduċu lilhom infushom peress li din kienet l-ewwel darba li kienu qed jiltaqgħu mal-Onor Ministru. Fl-istess ħin kull membru ngħata l-opportunita' li jikkummenta u jagħmel il-proposti tiegħu. Ġew diskussi wkoll il-Konvenzjoni għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta u l-proposta li jsir Forum.

**2.1 Konvenzjoni**

Lejn tmiem is-sena 2019 u l-bidu tas-sena 2020 kienu għaddejjin il-preparamenti biex titlaqqa' f'Malta l-Konvenzjoni għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta. Inħarġet ukoll stedina lid-Diaspora Maltija biex dawk interessati jissottomettu abbozz ta' dokument (*paper*) biex dan jiġi kkunsidrat biex jidħol fil-programm tal-Konvenzjoni. Għal dan il-għan u għall-ewwel darba minn kemm ilha ssir il-Konvenzjoni inħatar bord akkademiku biex jifli dawn il-dokumenti, madankollu dan il-Bord qatt ma rnexxielu jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ għax sadanittant bdew jittieħdu l-miżuri ta' distanza soċjali kontra l-pandemija tal-Covid-19 u ġie deċiż li l-Konvenzjoni titħassar u tiġi posposta għal darba oħra.

Madanakollu, dan il-posponiment serva biex issir riflessjoni dwar ir-relevanza taż-żamma tal-istess Konvenzjoni, u liema format din għandha tieħu, speċjalment meta ġie nnotat li minn Konvenzjoni għall-oħra l-interess beda jonqos tant li n-numru ta' parteċipanti matul is-snin niżel sewwa (ta min wieħed jinnota li meta bdiet issir il-Konvenzjoni fl-1969, il-Maltin tal-ewwel ġenerazzjoni kienu għadhom attivi ħafna, u l-interess tagħhom fiha kien kbir, dan beda jonqos minn żmien għal żmien hekk kif dawn il-kategorija ta' Maltin bdew jikbru fl-età' jew imutu).
Għal dan il-għan sar studju fil-forma ta' kwestjonarju fejn fih il-Maltin li jgħix barra minn Malta kienu mitluba jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-Konvenzjoni; fosthom: kemm il-Maltin li jgħixu barra huma nfurmati dwar din il-konvenzjoni, kemm huma lesti li jieħdu sehem fiha,

jekk il-Konvenzjoni tistax tkun vejikolu ta' konnettività' aħjar bejn il-Dijaspora Maltija, u meta l-aħjar li tinżamm kemm il-darba ssir.

Irriżulta wkoll li minn dan il-kwestjonarju tqajmu l-punti li ġejjin:

- kellux jingħata sussidju lil dawk li jiġu minn barra minn Malta biex jattendu għal din il-Konvenzjoni.
- Jekk il-Konvenzjoni kellhiex issir kull ħames snin jew inkella titħalla fid-diskrezzjoni tal-Ministru/il-Kunsill meta l-aħjar li tinżamm wara li jkunu ttieħdu f'kunsiderazzjoni l-iżviluppi li seħħew matul iż-żmien minn meta tkun tlaqqet l-aħħar Konvenzjoni, u jekk ikunx hemm lok għal reviżjoni tal-oġġettivi tal-ħidma f'dan is-settur.

Dwar l-ewwel punt kien hemm min kien tal-opinjoni li ma għandhomx jingħataw sussidji għax min verament ikollu nteress fil-Konvenzjoni xorta jattendi anke jekk ma jiġix issussidjat. Billi waqt il-preparamenti għall-Konvenzjoni kien hemm proposta li sussidju jingħata lil dawk li jippreżentaw dokument (*paper*), intqal li anke dwar dan wieħed irid joqgħod attent u jekk xejn issir analiżi serja tal-livell tal-*papers* preżentati.
Sintendi l-materja tas-sussidju l-aktar li taffettwa hu lil dawk li kienu jitħajru jattendu minn artijiet imbegħda,

Saret ukoll enfasi fuq l-importanza tal-parteċipazzjoni taż-żagħżagħ fil-Konvenzjoni. Dan jista' jsir jekk ikun hemm promozzjoni effettiva. Sintendi dawn ukoll iridu jegħlbu l-isfida finanzjarja biex iħallsu l-vjaġġ u l-lukandi. Madankollu kien hemm min sostna li dan jista' jsir billi ż-żagħżagħ jiġu mħajjra jorganizzaw *fund raisers* biex ikunu jistgħu jiksbu l-finanzjament meħtieġ. Filwaqt li kien hemm min kien favur li jingħata xi sussidju abbażi ta' kontribuzzjoni siewja , mill-banda l-oħra kien hemm min baqa' jsostni li min veru jinteressah għandu jattendi anke jekk ma jkunx hemm sussidju.
Hawnhekk kien hemm min ħareġ bil-proposta li din il-problema tista' tingħeleb billi jsir Forum għaż-żagħżagħ, f'forma virtwali, liema Forum ikun qed jolqot żewġ għasafar b'ġebla waħda: dak li jindirizza lil ġenerazzjoni żagħżugħa ta' Maltin jew dixxendenti Maltin li jgħixu barra minn Malta, u l-problema tas-sussidju li f'dan il-każ ma jkunx hemm ħtieġa iżjed għalih.

Din il-proposta għandha tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

Proposta oħra kienet li l-Konvenzjoni meta ssir ma tikkonċentrax biss fuq diskussjonijiet/*workshops*, imma tinkludi wkoll attivitajiet kulturali u kummerċjali li jinvolvu żjarat lil intrapriżi Maltin u minn artisti Maltin li jgħixu barra minn Malta,

Dwar it-tieni punt kien hemm min sostna li jkun tajjeb jekk il-Konvenzjoni tibqa' ssir kull ħames snin, imma din m'għandhiex tidħol fil-Liġi biex ikun hemm aktar flessibilta' meta l-aħjar li ssir. Għalkemm, skont ir-riċerka li saret ħareġ ċar li l-maġġoranza kienet favur li l-Konvenzjoni ssir fis-sajf biex dawk li jattendu jkunu jistgħu jieħdu l-opportunita' jgawdu l-festi, attivitajiet tas-sajf eċċ, mill-banda l-oħra kien hemm min sostna li jkun aħjar jekk il-Konvenzjoni ssir f'Ottubru ( qrib meta tinżamm in-Notte Bianca) sabiex dawn ikunu jistgħu jattendu għal din l-attività

annwali. Minn barra hekk, dan iż-żmien tas-sena jgħin ukoll biex dawk li jattendi jiffrankaw l-ispejjeż billi t-titjiriet u l-lukandi jkunu irħas minn dawk tas-sajf

**2.2 Forum ta' Esperti Maltin li Jgħixu barra minn Malta**

Proposta oħra diskussa waqt din il-laqgħa virtwali kienet dik imressqa mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej dwar iż-żamma ta' Forum għall-esperti Maltin li jgħixu barra minn Malta.

L-iskop ta' dan il-Forum hu li nħarsu 'l quddiem billi l-ewwelnett naslu għal deċiżjoni ta' x'jagħmilna Maltin, u fl-istess ħin nipenjaw ruħna biex naraw kif il-Maltin li għamlu suċċess barra minn xtutna jistgħu jikkollaboraw bejniethom u mal-Ministru biex jiġu identifikati niċeċ ta' opportunitajiet ta' ħidma flimkien.

Il-ħsieb hu li jinbeda proċess fejn jiġu identifikati individwi Maltin li għamlu suċċess fil-karriera/professjoni tagħhom biex tinħoloq xibka ta' kollaborazzjoni fil-ġbir ta' ideat għal viżjoni ta' Malta tal-futur.

Din il-kollaborazzjoni ser tinbeda billi numru ta' esperti li jirrappreżentaw setturi vitali jiltaqgħu biex jiddiskutu u jibdlu l-ideat . Dawn imbagħad jitpoġġew għall-proċess ta' konsultazzjoni biex finalment tinħoloq viżjoni ta' Malta bħala kontributur attiv fil-qasam reġjonali u globali.

Dan il-Forum ikun miftuħ mhux biss għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, imma anke għall-pubbliku lokali.

**Punti oħra**

Waqt id-diskussjoni miftuħa ġew mqajma diversi punti oħra, li wħud minnhom ilhom jiġu diskussi għal tul ta' żmien.

Fost dawn kien hemm:

*Propjetà':* Il-kwistjoni kollha ddur mas-suġġeriment li kien sar lill-Awtorità' tal-Ippjanar biex tibda tavża lil dawk il-Maltin li jgħixu barra minn Malta meta ssir applikazzjoni biex isir xi żvilupp fuq il-propjetà' tagħhom f'Malta. It-tweġiba tal-Awtorità' tal-ippjanar kienet li dawn ma jistgħux joffru dan is-servizz u li l-persuni li jgħixu barra minn Malta u li għandhom xi propjetà' f'Malta xorta għandhom aċċess għall-informazzjoni billi jaċċessaw il-**GeoServer** tal-Awtorità' tal-Ippjanar fuq: **http://geoserver.pa.org.mt/publicgeoserver**

*Kunsilli Reġjonali:* Wara li ġew approvati l-Linji Gwida li jirregolaw dawn il-Kunsilli, bdiet il-ħidma biex jinstabu nies biex jinħatru fuq dawn il-Kunsilli. Għal dan l-iskop ġew ikkuntattjati

d-diversi Ambaxxati u Kummissjonijiet Għolja nvoluti, filwaqt li l-membri tal-Kunsill ingħataw l-opportunita' li jipproponu xi ismijiet huma wkoll.

*Kleru:* Tqajjmet ukoll il-problema ta' nuqqas ta' membri tal-kleru fil-komunitajiet Maltin li jgħixu barra. Din il-materja kienet tqajmet ukoll mal-Kurja, iżda s'issa ma ġietx solvuta hekk kif wara sejħa għall-interess minn naħa tal-Kurja ma tat l-ebda frott.

Sadanittant komunità' fl-Awstralja għamlet pakkett ta' inizjattivi biex jippruvaw iħajjru membri tal-kleru joffru servizz pastorali fil-komunità' tagħhom liema inizjattiva ġiet preżentata lil Arċisqof.

Waqt id-diskussjoni, inġibdet l-attenzjoni li din il-problema qed tinħass f'Malta wkoll u għalhekk ser ikun aktar diffiċli biex jinstabu membri tal-kleru biex imorru jservu barra minn Malta.

*Tagħlim tal-Ilsien Malti:* Il-membri ġew infurmati bl-aħħar żviluppi dwar l-inizzjattiva tal-Ministeru għall-Edukazzjoni li qed jieħdu ħsieb joħolqu pjattaforma diġitali- għat-tagħlim tal-ilsien Malti onlajn. Il-proċess issa wasal fl-istadju fejn inħarġet is-sejħa għat-tenders biex jiġi mwaqqaf dan is-servizz.
Inġibdet l-attenzjoni minn membru tal-Kunsill li l-Università ta' Malta kienet qed toffri żewġ korsijiet tat-tagħlim tal-Malti onlajn, biss dawn ma tantx kienu se jħajjru Maltin ta' barra biex japplikaw għax il-miżata hija għolja.
Sadanittant il-membri tal-Kunsill ġew infurmati dwar id-diversi materjal tat-tagħlim tal-Malti li jinsab disponibbli bla ħlas fuq il-mezzi soċjali, fosthom "Ċavetta."

**#JienMalti**
F'pajjiżi barranin fejn hemm komunitajiet kbar Maltin, bħall-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada kulma jmur qed jonqos l-interess tal-Maltin, speċjalment iż-żgħażagħ, fil-parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Komunità' bir-riżultat li diversi għaqdiet sfaxxaw jew waslu biex jiġrilhom l-istess. Biex l-affarijiet ma jibqgħux sejrin lura jeħtieġ li naħdmu biex aktar żgħażagħ, mhux biss iħossuhom parti mill-Komunità' Maltija imma wkoll billi jikkontribwixxu b'mod effettiv f'attivitajiet varji u possibbilment jingħaqdu ma għaqdiet Maltin jew jiffurmaw xbieki diġitali li iżommuhom f'kuntatt ħaj. Għal dan il-għan ġie ssuġġerit li tinbeda kampanja bl-isem: *#Jien Malti li bażikament tikkonsisti filli Maltin li jgħixu barra jibgħatu kumment jew vidjo dwar dak li jħossu li jagħmilhom Maltin.*
Din il-materja se tkun diskussa f'aktar dettal fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**L-Aħbarijiet mill-PBS:** Għalkemm illum bil-mezzi ta' komunikazzjoni moderni, wieħed jista' faċilment minn daru jaċċessa l-midja Maltija, xorta għadu jinħass il-bżonn li l-aħbarijiet ta' Malta jiġu mxandra fuq ir-Radju u t-Televiżjoni f'ċertu pajjiżi fejn hemm numru konsiderevoli ta' Maltin fosthom l-Awstralja.
Bħalissa permezz tal-SBS il-Maltin li jgħixu l-Awstralja jistgħu jaraw u jisimgħu l-aħbarijiet ta' Malta darba fil-ġimgħa, liema aħbarijiet jiġu pprovduti mill-PBS. Sintendi dan jixxandar bil-Malti u allura l-udjenza tiegħu hija limitata u dejjem tiċkien hekk kif l-emigranti tal-ewwel ġenerazzjoni li jifhmu w jitkellmu l-Malti sew qed jonqsu, filwaqt li n-numru ta' Maltin tat-tieni, it-tielet u r-raba' ġenerazzjonijiet li jafu bil-Malti hu limitat. Għalhekk wara suġġeriment li sar f'laqgħa tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu barra minn Malta, bdew diskussjonijiet biex jekk jista' jkun dawn l-aħbarijiet ikollhom is-sottotitli bl-Ingliż. Il-Public Broadcasting Service (PBS)

għalkemm infurmat li ħadet nota tas-suġġeriment infurmat ukoll li konsiderazzjoni tatwahiex jew le tittieħed fiż-żmien opportun.

Sadanittant saret proposta oħra dwar l-istess xandir tal-aħbarijiet. Din id-darba il-proposta tikkonsisti filli l-aħbarijiet ta' kuljum tat-8.00 ta' filgħaxija fuq TVM ikunu aċċessibbli fuq il-pjattaforma diġitali tal-PBS *On Demand* biex b'hekk il-Maltin li jgħixu l-Awstralja jkunu jistgħu jaraw l-aħbarijiet ta' Malta kuljum kif u meta jixtiequ.

Il-PBS jidher li mhumiex interessat li jikkunsidra din il-proposta fil-preżent, iżda tenna li jagħtiha l-attenzjoni dovuta aktar 'il quddiem.

**Ħidma**
Minkejja li minħabba l-imxija tal-Covid-19, id-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kien impenjat direttament hekk kif attiva s-*Situation Centre* tiegħu biex ikunu jistgħu jiġu rimpatrijati l-Maltin u barranin li jgħixu f'Malta li nqabdu barra l-pajjiż fil-perjodu meta ingħalqu l-ajruport u l-portijiet, xorta waħda baqgħet għaddejja f'format ridott id-diskussjoni u fejn kien possibbli mplementati t-temi u l-proposti li għandhom x'jaqsmu mal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.
Fost dawn kien hemm il-kwistjoni tal-Propjetà', in-nuqqas ta' membri tal-kleru u t-twaqqif tal-pjattaforma għat-tagħlim tal-Malti li ssemmew aktar 'il quddiem.

***Websajt:*** Id-Direttorat ħaseb ukoll biex iwaqqaf sub-sit fuq il-websajt tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej ddedikata għall-materji relatati mad-Dijaspora Maltija. Dan hu l-ewwel pass biex tiġi implimentata waħda mid-deċiżjonijiet li ttieħdu waqt diversi l-laqgħat annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.

***e-ID****:* Id-Direttorat kellu diskussjonijiet dwar il-possibilità' li l-Maltin li jgħix barra minn Malta jingħataw l-e-ID biex ikunu jistgħu jaċċessaw diversi servizzi offruti mill-gvern Malti. L-aħħar tweġiba tal-Aġenzija Identità' Malta kienet li din hija materja komplikata ħafna biex tiġi implimentata peress li taffettwa l-operat sħiħ tal-uffiċċju tal-karta tal-Identità' kif ukoll tirrikjedi spejjeż sostanzjali biex ikun kreat software apposta għal dan il-għan (Maltin li jgħixu barra minn Malta mhumiex eliġibbli li jkollhom Karta tal-Identità' u konsegwentement e-ID), madankollu għarrfet lid-Direttorat li din il-materja se tiġi diskussa fuq livell Ministerjali aktar 'il quddiem.

***Att XX tal-2011****:* Inbeda l-proċess biex jiġi aġġornat l-Att XX tal-2011 li permezz tiegħu twaqqaf u huwa rregolat il-Kunsill, billi nħass li wara għaxar snin mil-leġislazzjoni kien hemm il-ħtieġa ta' aġġornament.
Il-membri tal-Kunsill ġew mitluba jibgħatu l-proposti tagħhom. Dawn flimkien ma' proposti oħra li kienu saru fil-laqgħat preċedenti tal-Kunsill; kif ukoll proposti oħra minn membri tad-Direttorati għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta ġew miġbura u kkunsidrati biex inħareġ abbozz ta' Att aġġornat li bħalissa qed jiġi analizzat mill-Uffiċċju legali tal-Ministeru tal-

Affarijiet Barranin u Ewropej qabel ma jitkompla l-proċess li jkun jinkludi konsultazzjonijiet ma' dawk involuti, inkluż l-Oppożizzjoni.

***Working Visa***: Bdiet id-diskussjoni dwar il-proposta li jsir ftehim bilaterali mal-gvern Kanadiż għal *working holiday visa* għaċ-ċittadini Kanadiżi ( jew għall-ċittadini Maltin li jgħixu il-Kanada) u viċi versa.

*Kummissjoni Għolja fil-Kanada*: Il-membri tal-Kunsill (dawk li jirrappreżentaw l-interessi Kanadiżi) staqsew jekk il-gvern hux jikkonsidra li jiftaħ Kummissjoni Għolja fil-Kanada. Il-Ministru nforma l-Kunsill li l-ftuħ ta' Ambaxxati hija deċiżjoni politika, u li l-ftuħ ta' Kummissjoni Għolja fil-Kanada qed tiġi kkunsidrata flimkien ma' oħrajn.

**Diaspora Coordinators**

Wara li fl-aħħar rapport annwali kif irraportat li l-Ministeri u entitajiet oħra tal-Gvern innominaw uffiċjali biex jservu bħala koordinaturi tematiċi li jolqtu d-Dijaspora Maltija, saret lista ta' dawn l-uffiċjali.

Madanakollu tajjeb jingħad li jinħass li għandu jkun hemm aktar ħidma u ko-operazzjoni min-naħa ta' dawn il-koordinaturi biex l-għan li għalih ġew appuntati jilħaq l-iskop aħħari tiegħu u jkun ta' għajnuna siewja għad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta f'oqsma li jolqtu direttament jew indirettament id-Dijaspora Maltija.

**Ħidma mill-membri**

Il-membri tas-CMLA jkomplu bil-ħidma tagħhom f'pajjiżhom bejn il-laqgħat tal-Kunsill. Din il-ħidma, għalkemm xi ftit imfixkla mill-imxija tal-Covid-19, kompliet billi ħafna mix-xogħol isir permezz tal-kommunikazzjoni elettronika. Saħansitra kellna grupp li kien mhux biss juża' l-emejls biex jikkomunika, imma kultant żmien kien ukoll jorganizza laqgħat virtwali, fejn kienu jiġu diskussi diversi punti biex imbagħad iressquhom quddiem il-membri l-oħra tal-Kunsill u/jew, permezz tas-segretarju tal-Kunsill, lid-Direttorat għas-Servizzi Konsolari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta biex dan jieħu l-passi meħtieġa dwarhom.

**6.0 Laqgħat**

**6.1** Matul is-sena is-Segretarju tal-Kunsill u d-Direttur tad-Direttorat għas-Servizzi Konsulari u l-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta kienu f'kommunikazzjoni kontinwa bejniethom, din id-

darba aktar permezz tal-mezzi elettroniċi milli b'laqgħat wiċċ imb'wiċċ biex tiġi ikkordinata il-ħidma li kienet meħtieġa fl-interess tal-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta.